**21 ta' Frar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Adrian Mifsud *noe*

*versus*

Direttur tal-Portijiet

**Trasport ta' Merkanzija bil-Baħar - Tilwim dwar it-Tariffa Applikabbli - Ħlas *Under Protest* - Riżarċiment ta' Danni**

*L-attur* noe *allega li sofra danni wara d-deċiżjoni li ħa l-konvenut dwar liema tariffa kellha tiġi applikata għat-trasport bil-baħar ta' numru ta'* trailers *li kienu jikkontjenu ġaġeġ vojta.*

*Mill-provi u mill-ammissjoni ta' l-istess attur* nomine *jirriżulta li l-konvenut ma ħa l-ebda azzjoni* sua sponte. *Dan intervjena u aġixxa fil-vertenza bejn is-soċjeta' attriċi u l-ħaddiema tal-port għax hekk kien mitlub jagħmel mill-istess attur* nomine.

*Il-Qorti hi eżawtorata mill-kompetenza li tinvestiga l-meritu tal-vertenza inkwantu hu materja li jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal speċjali mwaqqaf appositament b'liġi biex jieħu konjizzjoni ta' tilwim bejn min iħaddem u l-ħaddiema tal-port.*

*Jekk l-attur* nomine *għażel għal raġunijiet tiegħu li ma jadottax ir-rimedju lilu mogħti appożitament bil-liġi, ma jistax issa jilmenta li sofra danni*

*proprju minħabba l-inadempjenza tiegħu.*

*Il-Qorti ma tifhimx kif jista' l-attur* nomine *jippretendi li jiġi risarċit għal danni li jirrappreżentaw l-ammont - skond hu indebitament imħallsa lill-ħaddiema tax-xatt u minnu mhux dovuti għas-servizzi realment lilu reżi - mingħand il-konvenut u mhux mingħand l-istess ħaddiema tax-xatt li nkassaw l-indebitu.*

*Meta l-attur* nomine *ħallas* under protest *wieħed jifhem li r-riżerva fuq il-pagament kienet qed tinżamm fir-rigward ta' min irċieva l-ħlas indebitament u mhux fir-rigward tat-terz li jirriżulta li hu estraneju għall-kuntratt ta' ġarr ta' merkanzija bejn l-attur* nomine *u l-ħaddiema tax-xatt.*

Il-Qorti:-

F'din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob lill-Qorti tal-Kummerċ tiddikjara lill-konvenut Direttur tal-Portijiet responsabbli tad-danni kkaġonati b'riżultat ta' deċiżjoni li ħa dwar liema tariffa kellha tiġi applikata għat-trasport bil-baħar ta' numru ta' *trailers* li kienu jikkontjenu gaġeġ vojta. Il-Qorti b'sentenza tagħha tal-15 ta' Ottubru, 1992 illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju u ddikjarat l-azzjoni irritwali;

L-attur *nomine* ppremetta s-segwenti għat-talbiet tiegħu:

"Huwa ried jgħabbi fuq il-vapur numru ta' *trailers* li jikkontjenu gaġeġ vojta u li huma intiżi biex iġorru annimali minn pajjiż għall-ieħor;

Il-***Port Work Scheme*** fuq deċiżjoni **tal-konvenut** tat-2 ta' Settembru, 1988, esiġiet mingħand l-attur *nomine* li din il-

merkanzija tiġi kkunsidrata mhux bħala *trailers* vojta iżda bħala *trailers* kontenenti merkanzija u **dana mingħajr ma l-każ ġie riferit lil *Port Disputes Board***;

Għalhekk il-*Port Work Scheme* esiġa mingħand l-attur *nomine* pagament għall-ħaddiema tal-Port li għabbew dawn it-*trailers* b'rata ogħla minn dik applikabbli meta jitgħabbew *trailers* vojta;

Meta l-attur *nomine* irrifjuta li jħallas din ir-rata għolja l-*Port Work Scheme* ta struzzjonijiet lill-ħaddiema tiegħu biex ma jgħabbux it-*trailers* fuq il-vapur;

L-attur *nomine* b'riżultat ta' din id-deċiżjoni tal-konvenut kellu jħallas lill-ħaddiema tal-*Cargo Handling Co. Limited* li ma kinux ikunu intitolati għall-ebda pagament taħt il-liġi kieku t-*trailers* kienu kkunsidrati bħala vojta;

L-attur *nomine* ried jgħabbi t-*trailers* dakinhar stess sabiex dawn jistgħu jitilqu minn Malta, b'hekk jevita danni inġenti u allura l-attur *nomine* ma kellux alternattiva għajr li jħallas l-ammont mitlub, kif fil-fatt għamel *under protest*;

Din id-deċiżjoni tal-konvenut ikkawżat danni lill-attur *nomine* konsistenti fl-ammont imħallas żejjed meta tgħabbew dawn it-*trailers*;

Il-konvenut mitlub jirrifondi dan l-ammont irrifjuta li jagħmel dan taħt il-pretest li ma hemmx lok ta' rifużjoni stante li skond hu l-kwistjoni mhijiex jekk il-gaġeġ kinux vojta jew le, iżda jekk it-*trailers* kinux vojta;

Is-soċjeta' attriċi talbet lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli għad-danni konsegwenzjali għall-aġir tiegħu, liema danni jirrappreżentaw "l-ammont li l-attur *nomine* ħallas żejjed meta ġew esportati *t-trailers*, stante li dawn ma kellhomx *merkanzija* fihom u allura kienu vojta";

Utili li jiġu rreġistrati dawk l-eċċezzjonijiet fil-meritu li jgħinu biex jagħtu stampa ċara tal-linja difenzjonali tal-konvenut li ġiet apprezzata mill-Ewwel Qorti:

"L-irritwalita' u konsegwenti inattendibbilita' taċ-ċitazzjoni stante li xejn ma huwa allegat fil-premessi li jista' jkollu bħala konsegwenza l-kundanna tal-konvenut skond it-talbiet u li mit-talbiet lanqas ma jirriżulta abbażi ta' liema istitut legali l-attur jippretendi li l-esponent għandu jiġi ddikjarat "responsabbli tad-danni" allegatament sofferti minnu;

*Omissis*;

Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-irritwalita' ta' l-azzjoni avvanzata mill-attur *nomine* u konsegwentement illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju;

Dana fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*Omissis*;

Il-konvenut qiegħed jeċċepixxi li l-azzjoni ta' l-attur hija irritwali għaliex il-leġislatur ħoloq Tribunal Amministrattiva appożitu biex jieħu konjizzjoni u jiddeċidi vertenza bħal din u dan il-Bord kellu ġurisdizzjoni esklussiva fuq il-kwistjoni. Il-konvenut

irrifera għal Bord Dwar kwistjonijiet tal-Port stabbilit bis-saħħa ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 171;

*Omissis*;

*Evidentement l-attur seta' kieku ried iressaq il-kwistjoni li* kellu mal-ħaddiema tal-Port, quddiem dan il-Bord biex l-istess vertenza tkun deċiża minnu;

*Omissis*;

L-attur *nomine* ħass ruħu aggravat għaliex isostni li hu sofra dannu bħala riżultat tad-deċiżjoni tal-konvenut illi jiddikjara tariffa żbaljata għat-trasport tal-*containers* in kwistjoni. "Il-konvenut qiegħed jissottometti illi l-attur *nomine* kien messu adixxa lill-*Port Disputes Board* meta nqalgħet il-vertenza bejnu u l-ħaddiema tal-Port .... *Jiġi sottomess illi daqskemm l-attur "messu" adixxa lill-Port Disputes Board* ... daqstant ieħor il-konvenut kien fid-dover u messu irrifjuta li jagħti *ruling* u mhux biss opinjoni fuq dak li jiġi sottomess quddiemu";

*Omissis*;

Il-Qorti ssib l-aggravju ta' l-attur *nomine* insostenibbli fil-liġi u l-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata ġusti u ġuridikament korretti. Iżżid biss dawn il-konsiderazzjonijiet illi jkomplu jsaħħu l-fondatezza ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni kif tentata hi irritwali u inattendibbli;

Tinnota qabel xejn - għax dan hu relevanti għar-responsabbilita` - illi mill-provi u mill-ammissjoni ta' l-istess attur

*nomine*, il-konvenut ma ħa l-ebda azzjoni *sua sponte*. Hu intervjena u aġixxa fil-vertenza bejn is-soċjeta' attriċi u l-ħaddiema tal-Port għax kien hekk mitlub jagħmel mill-istess attur *nomine*;

*Omissis*;

Minn din iċ-ċirkostanza biss allura jidher li, anke kieku kellu jiġi għall-grazzja ta' l-argument aċċettat illi l-konvenut żbalja u eċċeda mill-poteri tiegħu, u li kien bħala riżultat ta' dak l-eċċess illi s-soċjeta' attriċi soffriet id-danni reklamati, hu ppruvat illi kien l-istess attur *nomine* li induċa, jew almenu ħajjar, lill-konvenut biex jagħmel dan l-iżball. U jekk wieħed iqis li l-azzjoni attriċi tidher pernjata fuq allegata culpa akwiljana, tirriżulta konsegwenzjali l-konsiderazzjoni li f'dan l-isfond japplika l-prinċipju *volenti non fit iniuriam*. Dan apparti mill-konsiderazzjoni l-oħra valida illi una volta jkun l-istess attur *nomine* li talab opinjoni mingħand il-konvenut, la kien hu li għażlu li jarbitra, hu kien impliċitament qed jintrabat illi jaċċetta d-deċiżjoni tiegħu u mhux leċitu li jikkontestaha fil-meritu f'sede oħra;

L-attur *nomine* ma jistax jeludi l-problema ċentrali tal-vertenza illi hu ma kellu l-ebda kwistjoni mal-konvenut. In-nuqqas ta' qbil dwar it-tariffa applikabbli ma kinitx mad-Direttur tal-Portijiet imma mal-ħaddiema tal-Port kif organizzati bil-*Port Workers' Scheme*. Dana f'relazzjoni kontrattwali bejn il-ħaddiema u min iħaddimhom. Kellu allura jkun ovvju - kif din il-Qorti konvinta li hekk kien - lill-attur *nomine* li kwalunkwe opinjoni, sia pure jekk is-soċjeta' attriċi tqis li tali deċiżjoni kienet *ruling* - ma setgħet bl-ebda mod torbot lill-ħaddiema tal-Port li setgħu liberament jirrifjutawha jew jaċċettawha. Dan ifisser illi kienu l-ħaddiema tal-Port li nsistew li jitħallsu bit-tariffa l-għolja - interpretazzjoni tat-tariffa avallata bl-

opinjoni tal-konvenut. Kien pero' ir-rifjut tagħha illi jaħdmu t-*trailers* jekk ma jitħallsux dik ir-rata ogħla li allegatament ikkaġuna d-danni reklamati mis-soċjeta' attriċi. Hu ovvju allura li l-kawża prossima u immedjata ta' l-allegati danni ma kinitx id-deċiżjoni tal-konvenut li jagħti l-opinjoni - sia pure *ruling* li fil-fatt ta - imma d-deċiżjoni tal-ħaddiema tax-xatt li jinsistu li jirċievu l-pagament bir-rata ogħla, qabel jaħdmu t-*trailers*. Konsegwentement, jonqos in-ness ta' kawża u effett bejn l-aġir allegatament abbużiv li kkaġuna d-danni lamentati mis-soċjeta' attriċi u l-istess danni;

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet validi li jiġġustifikaw uħud mill-eċċezzjonijiet mogħtija anke fil-meritu, jibqa' dejjem il-preġudizzjali ssollevata mill-konvenut illi din il-Qorti hi eżawtorata mill-kompetenza li tinvestiga tali meritu inkwantu hu materja li jaqa' fil-kompetenza tat-tribunal speċjali mwaqqaf appositament b'liġi biex jieħu konjizzjoni ta' tilwim bejn min iħaddem u l-ħaddiema tal-Port. Kif sewwa osservat is-sentenza appellata, u mhux ikkontestat mill-attur *nomine*, kien il-fatt li l-konvenut ta l-fehma tiegħu li t-tariffa applikabbli kienet dik għolja u l-fatt l-ieħor li l-ħaddiema tax-xatt irrifjutaw li jaħdmu t-*trailers* jekk mhux b'din it-tariffa illi qajmet it-tilwima bejn l-istess konvenut u l-*Port Workers' Scheme*. Dan hu fatt ammess mill-istess attur *nomine* li jikkonferma li kien hu li għoġbu jitlob *ruling* lill-konvenut;

Dan meta l-liġi tistabbilixxi kif għandha tiġi riżolta tilwima ta' din ix-xorta bi proċeduri quddiem tribunal b'kompetenza speċjali. Jekk l-attur *nomine* għażel għal raġunijiet tiegħu li ma jaddottax ir-rimedju lilu mogħti appożitament bil-liġi, ma jistax issa jilmenta li sofra danni proprju minħabba l-inadempjenza tiegħu. Hu diskutibbli jekk il-konvenut eċċediex il-kompetenza tiegħu, anke fid-dawl li hu ta opinjoni u mhux *ruling*. Imma anke kieku stess

kien *ruling*, dan fil-liġi ma kienx jorbot *lil ħadd*, fin-nuqqas ta' ftehim espress tal-partijiet in disputa li jitolbu arbitraġġ formali bl-obbligazzjoni li joqgħodu għad-deċiżjoni arbitrali. Dak li għamel il-konvenut seta' saħħaħ il-fehma tal-ħaddiema tal-Port li jkomplu jinsistu fuq dak il-kumpens li dehrilhom li kien ħaqqhom. Pero' irrispettivament minn dan l-aġir tal-konvenut, ma kien hemm xejn x'jostakola lill-istess attur *nomine* li, anke wara d-deċiżjoni tiegħu, jadixxi lill-Bord kompetenti biex jirrisolvi l-vertenza industrijali li nqalgħet;

Il-Qorti ma tifhimx kif jista' l-attur *nomine* jippretendi li jiġi riżarċit *għal danni li jirrappreżentaw l-ammont - skond hu* indebitament imħallas lill-ħaddiema tax-xatt u minnu mhux dovuti għas-servizzi realment lilu reżi - mingħand il-konvenut u mhux mingħand l-istess ħaddiema tax-xatt li nkassaw l-indebitu. Meta l-attur *nomine* ħallas *under protest* wieħed jifhem li r-riserva fuq il-pagament kienet qed tinżamm fir-rigward ta' min irċieva l-ħlas indebitament u mhux fir-rigward tat-terz li jirriżulta li hu estraneju għall-kuntratt ta' ġarr ta' merkanzija bejn l-attur *nomine* u l-ħaddiema tax-xatt;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-attur *nomine*.